MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 217/2002

Il-Pulizija

(Spettur N. Ciappara)

Vs

Joseph Coleiro

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Jannar, 1997, u d-disa xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern

skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendata w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) f'dawn il-Gzejjer fl-14 t'Ottubru 1996, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, f'cirkostanzi tali li juru li din id-droga ma kienitx ghal uzu esklussiv tieghu;

3) f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Jannar 1997 u x-xhur ta' qabel din id-data forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/I jew ghall-uzu ta' persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Ikkometta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh;

5) Sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), datati 1.02.94 Awla B u fis-27.04.95 Awla 6.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru, 2002 li biha wara li rat l-Artikoli 17, 49 u 50 tal-Kap 9 u l-Artikolu 22 (2)(B)(I) u t-tieni proviso tal-Kap. 101 u r-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/39, ikkundannatu komplessivament ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien tlett snin u multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500). Inoltre ikkundannatu jhallas is-somma ta' LM 68.75c spejjes tad-dokument MM a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 t'Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermha dwar il-pussess semplici u taghti provvediment minflok piena, u tigi revokata ghall-kumplament kemm dwar htija u kemm dwar piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- Dwar il-ligi , ir-reat ta' pussess bl-intenzjoni ma jistax jittiehed biss mill-ammont li persuna jkollha ghax mhux bil-fors min jixtri kwantita' jkun irid jispaccja d-droga. L-Ligi thalli fid-diskrezzjoni tal-gudikant imma meta jkun hemm fatturi li juru spjegazzjoni sal-grad tal-probabbilita', kif inhu f'dan il-kaz , allura mhux legittimu li l-htija tkun bazata fuq "feeling" li jkollu l-gudikant li d-droga ma kienetx ghalih f'dawk ic-cirkostanzi. Trid tigi stabilita l-htija w mhux is-suspett ragonevoli . Dwar fatti mhux veru li hu kien biegh id-droga li l-perrsuna li kienet indikatu anzi kienet din il-persuna li dahhlet lill-appellant fid-droga . Kien hemm provi kontra l-ispacc ghax ix-xiehda tal-appellant u tax-xhud li tella kienet konvincenti w ma kienx hemm xi jwaqqa' x-xiehda tal-appellant. Umbaghad il-piena kellha tigi sostitwita.

Ezaminat l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-prosekutur fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2002,

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Novembru, 2002 li biha esebixxa kopja aggornata tal-fedina penali tal-appellant ;

Rat l-ordni Taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza .

Ikkunsidrat ;

Illi dan l-appell fl-ewwel lok hu mid-dikjarazzjoni ta' htija fir-rigward tat-tieni mputazzjoni ta' pussess tad-droga eroina fl-14 t'Ottubru , 1996, f'cirkostanzi tali li juru li din id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu ; tat-tielet imputazzjoni ta' traffikar tad-droga eroina fil-11 ta' Jannar, 1997 u tar-raba imputazzjoni li hu kien ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola , club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh , ghax il-htija dwar pussess semplici tal-istess droga u l-addebitu tar-recidiva mhux kontestati .

Illi dan l-appell ghalhekk jimpernja ruhu principalment fuq kwistjoni ta' apprezzament tal-fatti li gja ghamlet l-Ewwel Qorti . Illi llum hija gurisprudenza kostanti li din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni biex tasal biex tvarja sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti trid tezamina jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha fuq il-provi migjuba quddiemha . Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Fi kliem iehor din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm ma thoss li l-konkluzzjoni taghha kienet wahda “unsafe and unsatisfactory” (Ara. App. Krim. Pulizija vs. Raymond Psaila et” [12.5.94] ; Pulizija vs. Emmanuel Mifsud [11.7.94]; Pulizija vs. Joseph Zahra [10.5.2002] u ohrajn )

Illi wara li ghamlet l-ezami approfondit tal-provi migjuba w traskritti quddiem l-Ewwel Qorti, kif obbligata li taghmel, din il-Qorti ma ssibx li l-Ewwel Qorti , fuq dawn il-provi ,

ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghad-dikjarazzjoni ta' htija fuq l-erba imputazzjonijiet kontra l-appellant .

L-ispjegazzjoni li l-appellant ipprova jaghti taht il-kontroezami dwar il-vera raguni ghala qaghad jaqsam id-droga li instabet ghandu fl-14 t' Ottubru, 1996 , f'pakketti tal-ghaxar liri jekk hu kien jikkonsma zewg pakketti tal-hames liri kulljum f'hinijiet differenti , hija wahda stirakkjata w xejn konvincenti w l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li ma temminx din il-versjoni tal-appellant u minnflok tigbed il-konkluzzjoni li waslet ghaliha w cioe' li l-kwantita' tad-droga misjuba ghand l-appellant ma kienetx f'cirkostanzi li juru li kienet ghall-uzu esklussiv tieghu . Kieku kien veru li xtara d-droga "in bulk" ghall-uzu tieghu , ma kellux ghalfejn joqghod jaqsamha preventivament f'pakketti ta' dozagg zghir , ghax wara kollox meta kien ser jigi biex jikkonsma minnha , xorta ried joqghod ikejjel id-doza dak il-hin. L-iskuza li gab li dan ghamlu biex ma joqghodx jigri w biex ma jithanzirx ma hix konvincenti , ghax jekk hu veru li hu kien jikkonsma doza ta' hames liri kull darba , xorta umbaghad kien irid jerga joqghod ikejjel biex jaqsam il-qartas f'zewg dozi , kull darba minn tnejn li jigi biex jikkonsma. Igifieri l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tikkonkludi li l-kwantita' tad-droga w l-mod kif parti minnha kienet maqsuma kienet tindika li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. Kuntrarjament ghal dak li jissotometti l-appellant , l-ispjegazzjoni li hu ta ma tilhaqx il-grad tal-probabbli rikjest mill-akkuzat fi proceduri kriminali.

Illi mbaghad dwar l-ispaccar u traffikar ta' droga lill-Andrew Fabri fil-pjazza ta' Rahal Gdid u cioe' f'post li jigi fi jew gewwa distanza ta' inqas minn mitt metru mill-kazin tal-Banda w l-Kazin ta' partitit politiku , fil-11 ta' Jannar, 1997 u x-xhur ta' qabel din id-data , l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tistrieh fuq dax-xhud tal-prosekuzzjoni la darba emmnitu , ghax kif jiddisponi l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali , ".......f'kull kaz , ix-xiehda ta' xhud biss , jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt , hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox , daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar." Mill-access li sar mill-Perit Valentino

Schembri rrizulta li l-post indikat mix-xhud Fabri kien fil-fatt sew entro d-distanza ta’ mitt metru minn perimetru ta’ club jew post fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh.

Illi umbaghad ix-xiehda ta’ x-xhud tad-difiza Joanne Ellul (fols. 252-254 tal-process) ma tipprova xejn ghax l-incident minnha deskritt meta gie arrestat Andrew Fabri fil-pjazza ta’ Rahal Gdid u li fih qalet li dak in-nhar Fabri ma resaqx lejn l-appellant , gara fis-16 ta’ Jannar, 1997 u cioe ’ granet wara il-jum meta skond l-akkuza hu allegat li dan Fabri kien xtara d-droga minnghand l-appellant . Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li hemm fir-rikors tal-appell , din ix-xhud b’ebda mod ma tista’ sservi ta’ korroborazzjoni tal-verzjoni tal-appellant kontra dik tax-xhud tal-prosekuzzjoni Fabri , ghax tirriferi ghall-incident separat. Din ix-xhud pero’ qalet li xi granet qabel l-appellant u dan Fabri kienu tkellmu izda bl-ebda mod ma ikkorroborat lill-appellant fl-allegazzjoni tieghu li hu kien xtara d-droga minnghand dan Fabri minnflok ma kien bieghielu kif isostni l-istess Fabri.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-Ewwel Qorti ma bbazatx il-konkluzzjoni taghha dwar htija tal-appellant fuq xi “feeling” jew “suspett” kif jissottometti l-appellant fir-rikors tal-appell , imma fuq provi diretti w indiretti li setghu legalment u ragoinevolment iwassluha ghal tali konkluzzjoni.

Illi dwar il-piena , ladarba l-htija riskontrata mill-Ewwel Qorti qed tigi konfermata , ma jidhrix lil din il-Qorti li ghandha b’xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti . Apparti milli rrizulta li l-appellant hu recidiv , jidher mill-fedina penali aggornata tieghu li anki tul dan il-kaz mill-1997 ‘ l hawn rega kkommetta reati serji ta’ pussess ta’ droga eroina, frodi bil-ksur tal-liberta‘ kondizzjonata, attakk u rezistenza w feriti fuq il-forzi tal-ordni , reat kontinwat ta‘ offizi tal-pudur u recidiva ulterjuri , apparti ghadd ta’ reati ohra inqas serji w addirittura f’kaz minnhom intbaghat ukoll sena prigunerija minn din il-Qorti diversament preseduta . Inoltre il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti , konsidrat il-konkors tar-reati, r-recidiva w l-kondotta tal-appellant kienet wahda miti hafna w tirrazenta

l-minimu mpost bil-ligi , meta l-piena massima ghar-reati kollha li taghhom instab hati bil-konkors u r-recidiva setghet kienet addirittura ferm u ferm oghola minn dik inflitta mill-ewwel Qorti .

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha,

--------------------------------TMIEM--------------------------------